KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 44

l-Erbgħa u erbgħin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tnejn 24 ta' Awissu 2015 fis-6.07pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |

| | | |
|---|---|---|
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Materji konnessi mal-Minuti*
3. *Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet*
4. *Rapporti mill-Kumitati u Sotto Kumitati*
5. *Tiġdid ta' kuntratti*
6. *Impieg ta' skrivana part-time*
7. *Suġġerimenti mill-Kunsilliera*
8. *Aġġornament*

1. **APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-punt 2.7. Kien qal li l-Kunsill għandu jagħmel riċerka fuq magna biex jitnaddaf il-ħmieġ ta' taħt il-karrozzi u kemm tiswa flus, u x'hemm l-aħjar fis-suq *Korrezzjoni tal-minuti*

1.2 Il-Kunsillier J. Pillow qal li hemm bzonn li kultant zmien isir *powerwash* biex jitneħħa ħmieġ minn taħt il-karrozzi. *Power wash*

*Il-Kunsilliera V. Galea Pace daħlet għas-seduta fis-18.15*

1.3 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li s-Sindku kien ressaq proposta biex tibda titħalla ittra lir-residenti mill-kenniesa li jkunu għamlu t-triq. Kien hemm qbil li dan il-punt għandu jizdied mal-minuti. *Ittra lir-residenti li tkun tnaddfet it-triq*

*Il-Kunsillier P. Portelli daħal għas-seduta fis-18.16pm*

1.4 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li diġa sab xi nies li jistgħu jagħtu kontribut biex josservaw jekk tkunx inkinset it-triq jew le.

1.5 Il-Kunsillier J. Pillow kien issuġġerixxa li jkun hemm sistema ta' datatrak għal kenniesa. Kien hemm qbil u l-Kunsill għandu jitlob stima.

1.6 Il-Kunsilliera V. Galea Pace irreferiet għal punt 2.12 u talbet li jitnizzel id-dettal 'għal junction ta' Tower Road ma' Old College Hill' Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-applikazzjoni daħlet il-MEPA.

1.7 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għal punt 3.2 dwar *water fountain* ta' fejn Speedy Garage, fejn il-Kunsill qabel li din tinghalaq filwaqt li l-Kunsill jiċċekkja jekk hawnx apparat biex l-oħrajn isiru bil-ħlas. *Water fountains*

1.8 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti tas-seduta 43_23/07/2015. Il-Kunsilliera V. Galea Pace issekondat. Il-Minuti gew approvati u iffirmati. *Approvazzjoni tal-minuti*

2. **MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI**

2.1 Il-Kunsillier J. Pillow fakkar li kellha ssir zebgħa mar-*roundabout* ta' Triq Mrabat 'stop' kif ukoll 'give way' fi Triq Rudolfu.

2.2 Is-Sindku fakkar dwar il-laqgħa għar-residenti li l-Kunsilliera L. Cassar Shaw kienet proponiet biex issir u ssuġġerixxa li ma din il-laqgħa norbt proġetti proposti mir-residenti. Kien hemm qbil ukoll li

l-Kunsill isaqsi lir-residenti feedback dwar is-servizzi tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu jġib stima minn MISCO biex ikun jista' jsir *survey* dwar dawn l-affarijiet, minflok issir laqgħa għar-residenti. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li għandna ninkludu wkoll mistoqsija għal min jista' jagħti kontribut fil-ħidma tal-Kunsill.

2.3 Il-Kunsillier J. Pillow fakkar li kellu jingħalaq bil-*fencing* il-parti fejn inqalat il-bandla fejn it-Torri.

*Daħal il-Viċi Sindku għas-seduta 18.38*

2.4 Il-Kunsillier J. Pillow irrimarka għaliex kull ħaġa li ssir qegħda ssir bil-perit ezempju bħal rampa għal *gazebo*. Il-Viċi Sindku qal li ġieli ħaġa tiġi kombinata mal-oħra. Is-Sindku qal li jkun tajjeb tkun responsabbilta' tal-perit għal dawn ix-xogħlijiet. Is-Sindku qal li tajjeb isiru l-*gazebos* minħabba *shading*. Is-Segretarju Ezekuttiv issuġġerixxa li filkaz nuzaw il-perit għal kif iddur it-triq u għal *landscaping* nuzaw l-ideat tagħna kif qiegħed jgħid il-Kunsillier Pillow. Il-Viċi Sindku saqsa kif se noħorġu għat-triq. Il-Kunsilliera P. Radmilli u M. Briguglio proponew li jinħarġu *specifications* permezz ta' tender u jaqblu li d-dizinn isir mill-perit tal-Kunsill. Kien hemm qbil dwar dan fost il-Kunsilliera prezenti.

2.5 Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li hi taqbel li x-xogħljiet isiru b'rapport ta' perit, pero xtaqet li tiġbed l-attenzjoni li ġieli tara li ċertu xogħol jiġi ċċertifikat u jibqgħu għaddejjin ċertu nuqqasijiet.

*Daħlet il-Kunsilliera L. Cassar Shaw għas-seduta fis-18.48*

2.6 Il-Kunsillier D. Muscat fakkar li l-*loading/unloading* fi Triq Dingli għada ma saritx.

2.7 Il-Viċi Sindku irrefera għal punt 2.4 dwar il-laqgħa mall-kuntratturi fi Triq Sir Arturo Mercieca. Kien hemm qbil li l-Kunsill ikollu lista tas-sidien u s-Sindku, il-Viċi Sindku flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv ikellmuhom individwalment bi proposta konkreta għal talba ta' Ewro 4000. *Sir Arturo Mercieca – Laqgħa mall-kuntratturi*

2.8 Is-Segretaru Ezekuttiv informa li dwar l-email li bgħat tal-proposti tar-roti irċieva kummenti minghand il-Kunsilliera P. Radmilli u M. Briguglio. Kien hemm qbil li ma jittiħdux *parking bays* u mhux fuq il-*promenade*. Il-Kunsillier P. Radmilli għandu jara jistax jiftiehem mas-sidien biex jieħu mill-Pjazzetta. *Proposta tar-roti*

2.9 Dwar punt 2.6 dwar l-ECO Wardens, il-Kunsilliera L. Cassar Shaw qalet li b'mod partikolari fi Triq Tigne' hemm ħafna ħmieġ u ilmenti dwar il-knis. Is-Sindku qal li kemm 'il darba kellem lill-kuntratturi. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jagħti l-aħħar ċans filkaz jibdew jinħarġu l-*warnings*. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li jista' jkun li f'ċertu toroq hemm bzonn li jinkinsu aktar spiss minħabba li huma frekwentati aktar. *Tindif fit-toroq*

2.10 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li għandu rapport mill-*contracts manager* dwar l-knis. Il-Kunsill ġie infurmat li qal li qiegħed jagħmel rassenja u qal li jidher li hemm bzonn li jsiru aktar ta' spiss.

*Il-Kunsillier M. Briguglio telaq mis-seduta 7.13pm*

*Is-seduta ġiet sospiza fis-7.15pm*

*Is-seduta kompliet fis-7.55pm*

2.11 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar l-ECO wardens u jekk il-Kunsill għandux jibqa' bl-istess ammont ta' ġranet. Kien hemm qbil li kollox jibqa' l-istess. Il-Kunsill għandu jitlob rapport taċ-ċitazzjonjiet li jkunu ngħataw u eventwalment jintbgħat lill-kunsilliera permezz ta' email. *Eco Wardens*

2.12 Dwar il-knis is-Segretarju Ezekuttiv informa li jista' jibda jsir filgħodu skont il-kuntratt sabiex il-*monitoring* ikun jista' jsir wara nofs in-nhar. Kien hemm qbil li l-knis jibda jsir filgħodu mill-1 ta' Settembru (jew ġimgħa wara biex nilħqu navzaw il-kuntrattur), jingħata ċans ta' gimghatejn u jekk ma jkunx sar *improvement* tinħareġ *default notice*. *Knis fit-toroq*

*Il-Viċi Sindku ġie skuzat mis-seduta fit-20.05pm*

2.13 Il-Kunsillier J. Pillow qal li l-bins mhux qegħdin jitbattlu nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa minħabba li huma l-ġranet tar-riċiklar. Kien hemm qbil li nitolbu kwotazzjoni biex ikunu jistgħu jitbgħattlu u jitnaddfu. *Bins*

2.14 Il-Kunsillier D. Muscat fakkar dwar il-kampanja tal-iskart mall-*Greenpak*. Is-Sindku qal li tinvolvi ħafna ħin u jitlob l-appoġġ sħiħ mill-Kunsilliera. *Kampanja Skart*

2.15 Il-Kunsillier J. Pillow qal li hemm bzonn li jinbiddlu xi uħud mill-bins speċjalment dawk ta' fejn l-iskola ikunu dojoq. Kien hemm qbil li nitolbu kwotazzjoni u l-*budget* għandu jkun ta' madwar Ewro 4500. *Tibdil ta' bins*

2.16 Is-Sindku qal li l-aħjar li min ikun se jnaddaf u jbattal il-bins javzaw lill-Kunsill minn qabel biex il-*contracts manager* ikun jista' jiċċekkja.

2.17 Is-Sindku qal li hemm sitwazzjoni ta' uħud mill-*catering establishments* li m'għandhomx fejn ippoġġu l-iskart tagħhom u ma jistgħux iħallu *skip* minħabba l-*bye laws*. Bħal dawn hemm problema ukoll bil-gabbani u anke bil-blokok tal-appartamenti. *Bye laws skips*

2.18 Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa jekk il-*bye law* tistax tiġi emmendata. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li tibza' li jista jkun hemm min jabbuza kif kien jiġri qabel u jibda jkollna aktar ħmieġ fil-madwar.

2.19 Kien hemm qbil li ssir laqgħa mall-*catering establishments* u nissuġġerulhom kollettur wieħed.

2.20 Il-Kunsilliera ġew imfakkra li nhar it-Tnejn 31 ta' Awissu, 2015 se ssir il-laqgħa mall-komunita' flimkien mall-pulizija fis-6.30pm *Laqgħa mal-pulizija mar-residenti*

2.21 Il-Kunsillier P. Portelli tkellem dwar l-irregolaritajiet mill-*hawkers* u li hemm bzonn il-presenza tal-pulizija f'dan ir-rigward. Is-Sindku qal li s-Superintendent tħoss li għandhom ikollhom aktar linji ta' gwidi f'dan ir-rigward mis-superjuri taghha. Is-Sindku qal li se jressaq dan il-punt ukoll waqt laqgħa tat-*Tourism Zone*. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li jekk hemm bzonn għandu jmur aktar għall-ogħla awtoritajiet.

2.22 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li hemm bzonn li jsir xi ħaġa mall-operaturi ta' *Captain Morgan, sight seeing bus tours etc.* Kien hemm qbil li l-Kunsill jiltaqa' magħhom u jiddiskuti l-irregolaritajiet u forsi naslu bil-kelma t-tajba.

## 3. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI/KONTIJIET

3.1 Il-Kunsilliera M. Aquilina talbet għal breakdown dwar l-infiq u d-dħul tal-SAF. Il-Kunsillier P. Portelli kien se jagħmel presentazzjoni. Il-Kunsillier D. Muscat ried iressaq xi proposti

dwar *Sliema Day*. Minħabba nuqqas ta' ħin, il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li ma xtaqitx li tieħu ħin minn Sliema Day. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw qalet li aħjar il-Kunsill jiddiskuti dwar Sliema Day. Dwar ir-rendikont tal-SAF talbet li tintbgħat b'email u tiġi diskussa f'laqgħa li jmiss.

*Pagamenti posposti biex tiġi diskussa Sliema Day*

3.2 Il-Kunsillier D. Muscat qal li hemm kumpanija li tieħu ħsieb l-*event*. Ġie kkalkulat li din l-kumpanija tiġi tiswina madwar Eur13,000 għal tul il-*weekend*. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li din tmur kontra l-proċeduri tal-Kunsill għaliex tkun trid tinħareġ *tender*. *Sliema Day*

3.3 Is-Sindku qal li l-iskop prinċipali ta' din l-attivita' hija li jingħata ġieħ lil ċertu nies. Il-Kunsillier P. Radmilli issuġġerixxa li għall-ewwel darba tkun għal ġurnata u tkun aktar iffukata. Is-Sindku propona li l-ewwel tibda b'serata f'teatru b'serata muzikali u letterarja fejn wara jingħata ġieħ lil diversi nies sportivi eċċ u l-għada jkun hemm xi attivitajiet ix-Xatt sa' wara nofs in-nhar. IL-Kunsilliera M. Aquilina qalet li tista' ssir ukoll jew Pjazza Sant' Anna jew Triq Bisazza.

3.4 Kien hemm qbil li l-Kunsill jalloka *budget* ta' madwar Ewro 8000 li jkun jista' jorganizza l-*event* l-Kunsill u l-*invoices* jintbgħatu dirett lill-Kunsill skond il-proċeduri finanzjarji.

*Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw ġiet skuzata li titlaq mis-seduta fl-22.12*

3.5 Kien hemm qbil li *drinking fountains* jingħataw isem minflok ikunu bin-numru.

3.6 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar il-pagamenti lil MED Developers dwar il-konkos li sar il-bandli minflok it-tapit. Ġie infurmat li l-perit iċċertifikah bħala li sar sew.

3.7 Il-Kunsilllier J. Pillow saqsa dwar il-pagament tal-*extra services* tal-knis fix-Xatt. J. Pillow qal li ma ghadx hem ghalfejn jitkompla dan is-servizz peress li tas-CSD qed jghamlu xoghol sew. Kien hemm qbil li dan is-servizz għandu jieqaf mill-1 ta' Settembru 2015

Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsilliera V. Galea Pace issekondat. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti *Approvazzjoni tal-pagamenti*

3.8 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq għall-approvazjoni pagament mill-PD Gates dwar il-barrier t'isfel ta' Triq Bisazza. Ġie approvat li jitħallas.

3.9 Il-Kunsillier J. Pillow propona li l-Kunsill izid DVR għal cameras li hemm li tiswa madwar Ewro540 biex ikun aħjar li naqbdu lil min qiegħed jagħmel ħsara fuq il-barriers u kulhadd qabel dwar dan. *DVR- Triq Bisazza*

**4. RAPPORTI MILL-KUMITAT U SOTTO KUMITATI**

4.1 Is-Sindku ressaq proposta mis-Sur Antoine Camilleri biex jitpoġġa (abbozz life size) bħala arti. Il-Kunsill qabel li dan jista' jitpoġġa Gnien Bonello Dupuis. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li wieħed irid jara min se jkun qiegħed jiehu ħsieb *maintenance* tiegħu.

**6. IMPIEG TA' SKRIVANA PART-TIME**

6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv infurma li l-*interviews* għal *clerk part-time* saru u l-kumitat irrakomanda lis-Sinjura Bernice Gatt tintgħazel għal dan il-post vakant minħabba li tolqot il-kriterji mitluba. Kien hemm qbil dwar dan.

**8. AĠĠORNAMENT**

8.1 Is-seduta waqfet fit-22.37. Seduta se titkompla nhar it-Tlieta 1 ta' Settembru 2015 fis-6pm

Minuti approvati llum 29/09/2015

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**